**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 47/2020 RM**

**Ivan Camilleri**

**-Vs-**

**Saviour Balzan**

**Illum, 3 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2020 li permezz tiegħu l-attur, Ivan Camilleri, talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut, Saviour Balzan, sabiex iħallsu s-simma li tiġi likwidata in linea ta' danni skond l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), wara li jigi dikjarat il-malafama lir-rikorrenti b'dak ippublikat bħala artikolu intestat '*The bigger picture'* ippublikat fuq il-gazzetta MaltaToday nhar it-2 ta' Frar 2020 (DOK IC1) u sussugewentement imtella' fuq is-sit elettroniku ta' Malta Today, *MaltaToday.com.mt* nhar it-3 ta' Frar 2020 li kopja tiegħu qed tiġi eżebita ma' dan ir-rikors (DOK IC2), l-intimat bħala awtur ta' l-istess artikolu għamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti li għandhom bħala skop li joffendu l-unur u  l-fama ta' l-attur uli jesponuħ għar-redikolu u disprezz tal-pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Saviour Balzan fit-3 ta' Ġunju 2020 fejn ġie eċċepit:-

1. *"Preliminarjament, l-attur ghandu jindika b'mod preciż liema brani u/jew kummenti jqis malafamanti fil-konfront tieghu.*

2. *Bla hsara ghall-premezz, il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'rapport imparzjali ta' proceduri fil-qorti tal-gustizzja f'Malta, u huwa protett bi privilegg assolut.*

3. *F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.*

4. *In oltre', il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponenti kien qed jaqdi korrettament id-dmirijiet taghhom li jirraportaw dwar ahbar ta' importanza pubblika f'socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta' tal-espressjoni.*

5. *Minghar pregudizzju, il-pubblikazzjon tikkostitwixxi fair comment.*

6. *In oltre' , it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-24 ta' Settembru 2020 għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 579 (L-Att dwar il-Midja u l-Malafama) fejn, wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw illi fiċ-ċirkostanzi mhemmx possibbilita' reali li l-vertenza tiġi riżolta bonarjament, ordnat illi l-kawża tiġi mismugħa u deċiża minnha skont il-liġi;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-23 ta' Jannar 2023, kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-konvenut fis-6 ta' Marzu 2023;

Semgħet it-trattazzjoni finali fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-pubblikazzjoni fiha nnifisha, bit-titolu '***The Bigger Picture***', hija espressament maqsuma f'żewġ partijiet u huwa evidenti li hija biss l-ewwel parti u mhux it-tieni parti intestata '*Time to see the bigger picture*', li jidentifika lill-attur. Din l-ewwel parti tal-pubblikazzjoni tittratta żewġ materji konċernanti l-attur: (i) l-episodju ta' allegat *shoplifting* minn Valyou Supermarket u x-xhieda fir-rigward mogħtija minn Ray Mintoff f'kawża oħra bejn l-istess partijiet quddiem din il-Qorti kif preseduta[1] u (ii) allegazzjoni dwar motivi ulterjuri fil-pubblikazzjoni ta' diversi stejjer mill-attur fiż-żmien meta kien għadu impjegat ma' Times of Malta.

Għalkemm l-attur ma identifikax fir-Rikors promotur, liema siltiet jew stqarrijet tal-pubblikazzjoni tal-konvenut, ħassu aggravat bihom u li qed jiġu speċifikatament impunjati bħala malafamanti, hu evidenti illi hija biss l-aħħar asserzjoni tal-konvenut

[1] Din il-kawża ġiet deċiża permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2022.

fl-ewwel parti tal-pubblikazzjoni, li hija fil-mira ta' din l-azzjoni għal malafama. Il-Qorti fehmet illi fix-xhieda tiegħu bl-Affidavit, l-attur eskluda espressament illi qiegħed jimpunja l-istqarrijiet li saru mill-konvenut b'rabta max-xhieda mogħtija minn Ray Mintoff f'kawża oħra li kienet pendenti bejniethom, anke jekk jikkontendi li fil-kummenti tiegħu dwar din ix-xhieda, il-konvenut għamel "*ċertu konklużjonijiet gratuwiti*". Dan qed jingħad għaliex fil-fatt, l-attur xehed hekk dwar dawn il-"*konklużjonjiet gratuwiti*":-

"*S'hemm nirrikonoxxi li għandu dritt li jagħmel, anki jekk, fl-opinjoni tiegħi, dak li kiteb huwa bbażat kollu fuq premessi foloz u vvintati u ma huma xejn għajr tkomplija ta' snin twal ta' artikli negattivi fuqi u fuq membri tal-familja tiegħi biex jipprova jiskredita ġurnalist rival tiegħu.*"

L-attur identifika bħala malafamanti l-istqarrija tal-konvenut illi huwa għandu jew kellu "*cosy relationships*" ma' persuni fin-negozju u li jikteb l-artikoli tiegħu biex jippromwovi dawn il-*business interests* billi jirċievi mingħandhom ħlas jew pjaċiri.

Is-silta relevanti hija s-segwenti:-

"*... Ivan Camilleri's stories should be given a good scrutiny by his former employers, to see how many of his articles were linked to cosy relationships with vested business interests.*"

L-attur xehed li ħassu speċifikatament aggravat bis-segwenti stqarrija:-

"*this journalist did not simply follow a story because he had the public interest at heart but because there are other motives at heart.*"

Huwa evidenti minn qari tas-silta li tiġi minnufih wara l-istqarrija appena ċitata, illi l-motivi ulterjuri li l-qarrej ordinarju u ipotetiku mill-ewwel jifhem li qed jagħmel referenza għalihom il-konvenut bħala dawk li jimmotivaw l-istejjer li jippubblika jew

kien jippubblika l-attur, huma: "*favours and rewards in kind*". Dan għaliex il-konvenut jgħid hekk:-

"*When I employed one journalist who was allegedly getting favours and rewards in kind for the stories he wrote, I showed him the door.*"

L-attur xehed illi dawn l-allegazzjonijiet huma inveritieri, bla bażi u qarrieqa u saru mill-konvenut bil-ħsieb li jimmina x-xogħol u l-professjonalita' tiegħu u jattakka l-kredibbilita' tiegħu bħala ġornalist. Xehed hekk:-

"*Il-kredibbilita' hija l-aktar assi prezzjuża ta' ġornalist. Attakk fuq il-kredibilita' tiegħi hija proprju attakk fuq il-professjoni tiegħi u għalhekk anke l-għajxien tiegħi.*
...
*Jien niddikjara kategorikament li dak li kiteb bl-aktar mod ċar u dirett Saviour Balzan fil-konfront tiegħi huwa falz, iffabbrikat u kalunja fuq ir-reputazzjoni u l-integrita' tiegħi, kemm dik personali kif ukoll professjonali tiegħi.*
*Jien niddikjara taħt ġurament li QATT ma tħallas minn ĦADD, la bi flus u lanqas b'xi tip ta' kunsiderazzjoni oħra, ta' xi artikli li ktibt jew investigajt...*"

**Ray Bugeja** li kien editur mal-kumpannija Allied Newspapers sal-2019 u fiż-żmien meta l-attur kien għadu impjegat mal-kumpannija, xehed[2] illi għalih hu ovvju li l-artikolu tal-konvenut qiegħed iwassal il-messaġġ li xi ħadd tħallas biex kiteb xi artikoli. Fisser illi "*... din kienet xi ħaġa li t-Times dejjem jeħoduha bis-serjeta' ...* (u) *li kieku rriżultali xi ħaġa ta' dik ix-xorta jiena kont inkun tenut anke mill-etika tiegħi personali li rrid nieħu passi fuqha.*" Ikkonferma wkoll illi qatt ma sarulu jew waslulu allegazzjonijiet jew akkużi fil-konfront tal-attur, Ivan Camilleri li huwa kien tħallas biex jikteb xi artikoli.

[2] Xhieda tat-18 ta' Frar 2021.

**Il-konvenut Saviour Balzan** xehed[3] illi huwa kiteb l-artikolu, senjatament il-parti impunjata mill-attur f'din il-kawża, għaliex kien jaf ċerti affarijiet fuq l-attur fosthom li kien hemm minn dejjem *friction* kbira bejn l-attur u s-*senior executives* tiegħu fil-kumpannija Allied Newspapers u l-attur kellu wkoll problemi mal-edituri tiegħu b'mod speċjali ma' Steve Mallia. Jgħid illi jeżistu *emails* li huwa ra b'għajnejh stess li jmorru lura sal-2013, fejn Steve Mallia kien jitkarrab biex tittieħed xi azzjoni fil-konfront ta' Ivan Camilleri. Jirriżultalu wkoll li l-attur kien ingħata diversi twissijiet minħabba l-attitudni tiegħu mal-istaff u minħabba l-mod kif kien jirrapporta l-istejjer, u jidher ukoll li kien jitkellem ħafna kontra s-superjuri tiegħu Herman Grech u Steve Mallia.

Il-konvenut xehed ikoll illi huwa jaf, minn dawn l-imsemmija *emails*, illi s-superjuri tal-attur kienu ta' sikwit jirċievu kummenti u rapporti li l-attur kien qed jikteb l-artikoli tiegħu fl-interess ta' xi ħadd. Tant kienet serja din l-allegazzjoni illi huma ġabu kunsens mill-Bord biex jawtorizzaw lil xi ħadd jikseb aċċess għall-kompjuter tal-attur biex jaraw kienx hemm korrispondenza li tissostanzja l-allegazzjoni, iżda rriżulta li l-attur ma kienx juża l-*email* tax-xogħol għal korrispondenza bħal din. Għalkemm kienu saru diversi talbiet oħrajn biex tittieħed azzjoni fil-konfront tal-attur, il-konvenut xehed li Ivan Camilleri dejjem sab l-appoġġ ta' persuni fil-Bord, fosthom Mario De Marco li kellu l-interess li jżomm lill-attur fl-impieg tiegħu ma' The Times minħabba artikoli politiċi li kien jitkeb.

Il-konvenut żied jgħid illi llum jaf li qed ikun hemm kitbiet anonimi fuq *website* partikolari fejn l-awtur ma jidhirx iżda hu ovvju li l-kitbiet huma simili ħafna għall-kitbiet ta' Ivan Camilleri fejn ikun hemm attakki konsistenti fuq ċerti negozji li fihm hemm kompetizzjoni kbira. Każ partikolari huwa l-konflitt bejn il-kumpannija Virtu ta' ċertu Ċikku Portelli, u l-familja ta' Zammit Tabona li huwa jaf li kien "*pet hate*" tal-attur. Xehed illi anke tgħaddi mit-toroq tal-Belt, dejjem tara lill-attur fil-prezenza ta' Ċikku Portelli, direttur tal-kumpannija Virtu, u din hija r-raġuni għaliex huwa ħass li kellu jikteb dwar "*cosy relationships*". Dan mhux minħabba l-fatt fih innifsu li l-

---

[3] Xhieda tat-30 ta' Novembru 2022.

attur iltaqa' man-nies, imma għaliex hemm differenza fejn u kif wieħed jiltaqa' man-nies u l-artikoli li wieħed jikteb. Fil-fatt, huwa qatt ma inzerta xi kitba ta' Ivan Camilleri in konnessjoni mal-proċeduri kriminali kontra Ċikku Portelli dwar l-iskandlu taż-żejt.

Il-konvenut fix-xhieda tiegħu[4] semma wkoll li l-attur kellu "*cosy relationships*" man-negozju 'Tumas' fejn fisser li wieħed jibda jissuspetta li l-attur kellu xi sors f'din il-kumpannija anke minħabba r-rabta li kellu ma' Yorgen Fenech, fejn jirriżulta minn xhieda li nstemgħet fil-Qorti li f'korrispondenza bejnu u Keith Schembri, Yorgen Fenech jgħid "*toqgħodx tinkwieta, għandi l-kuntatti mal-midja*". Xehed ukoll illi l-attur kien jaljena lill-qarrejja meta jkun hemm temi ta' ċertu portata, fosthom il-fatt illi kull darba li kienet sejra toħroġ xi storja per eżempju dwar 17 Black, dejjem kien hemm attentat dak iż-żmien minn Kastilja biex ikun hemm storja oħra biex tipprova tiddevja l-attenzjoni.

Fir-rigward, il-konvenut xehed ukoll hekk:-

"*Kienet klassika l-aħħar waħda f'Novembru meta storja fuq il-Qala, famuż storja fuq il-Qala, fejn tara wkoll, toħroġ l-istess żmien ... ta' Ivan Camilleri fejn kien hemm dawn l-istejjer kollha li ironikament ħerġin mit-*Times*, għax it-*Times *kien qed jaħdmu ġornalisti li xejn ma kienu close ma' Ivan Camilleri, kienu qed jaħdmu fuq il-kwistjoni ma' 'this big business man' li aktarx kien involut wara l-każ tal-qtil etc etc.*"

Il-konvenut temm jixhed billi qal li wieħed jista' jara numru ta' *patterns*, b'mod speċjali *patterns* li jeżistu fuq *website* partikolari, fejn hemm kitbiet dejjem fuq negozju partikolari. Għalkemm dawn il-kitbiet jistgħu jkunu ġustifikati, huwa suspettuż il-fatt li l-kitbiet ikunu dejjem fuq negozju partikolari "*u din naħseb li kienet biex ngħid 'they should investigate the cosy relationships with certain businessmen', li hi ma nafx, fid-dinja tal-lum ma nafx jekk hija aċċettata imma ħassejt li kellu ngħidha*

[4] Xhieda tal-konvenut in kontro-eżami: 30 ta' Novembru 2022.

*bħal ma jiena u għamilt referenza għaliha, meta kien hemm nies li ħassejt li kelli dubji fuqhom għax kienu l-ħin kollu jimirħu ma' ċertu nies, biex jitilqu ...*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi mill-provi jirriżulta li l-attur Ivan Camilleri huwa ġornalist b'karriera twila fil-ġornaliżmu, u kien ukoll ġornalist prominenti li kien jaħdem ma' gazzetta rivali ta' Maltatoday (*Times of Malta*). Dan ifisser li huwa persuna pubblika in kwantu huwa inevitabbilment jeżerċita l-attivita' tiegħu fuq pjattaforma pubblika fejn jingħata pubbliċita' permezz tal-artikoli pubblikati minnu u għalhekk, l-attur għandu jistenna ċertu qies ta' kritika u skrutinju pubbliku in konnessjoni mal-kitbiet tiegħu[5].

Il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ġie argomentat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, illi huwa ma kienx qed jimplika li l-attur kien jinxtara jew jixxaħħam biex jikteb ċerti artikoli. Tqis illi din hi sewawsew l-implikazzjoni li titwassal permezz tal-istqarrijiet impunjati. F'kull każ, huwa risaput illi l-intenzjoni tal-pubblikatur huwa immaterjali għad-determinazzjoni tal-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati[6] għaliex hu relevanti dak li jiġi perċepit mill-qarrej ordinarju u ta' intelliġenza ordinarja, mill-kumpless sħiħ tal-pubblikazzjoni. Il-Qorti taqbel mal-attur illi, kif sewwa sostna fix-xhieda tiegħu, l-imputazzjoni li titnissel mill-assjem tal-istqarrijiet impunjati hi illi **bħala ġornalist, huwa jikser l-etika ġornalistika għaliex kien jirċievi pjaċiri jew xi xorta ta' ħlas minn persuni fin-negozju biex jikteb artikoli favorevoli għalihom**.

Il-Qorti tqis li imputazzjoni bħal din fiha l-propensita' inerenti li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur li huwa ġornalist anzjan li għandu karriera twila fil-

---

[5] Fid-deċiżjoni **Wirtschafts-Trend Zeitschriften-Verlagesellschaft m.b.H. v. Austria**, il-Qorti Ewropea riteniet:- "(w)*hereas the limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians, private individuals lay themselves open to scrutiny when they enter the arena of public debate and then have to show a higher degree of tolerance*."Ara wkoll **Karman v. Russia**, para. 35.

[6] Fost il-kriterji li għandhom jiġu kunsidrati fid-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata, id-decizjoni celebri **Jeynes v News Magazines Ltd** ([2008] EWCA) qalet illi: *"(4)* ***the intention of the publisher is irrelevant****...".*

professjoni. Professjoni li teħtieġ livell sostanzjali ta' kredibbilita', kontabbilita', trasparenza u integrita' da parti tal-ġornalist fil-qadi tad-dover tiegħu li jwassal lill-pubbliku b'mod imparzjali, oġġettiv u sħiħ, dik l-informazzjoni, miksuba minn sorsi affidabbli, li huwa fl-interess tal-pubbliku li jirċievi. Il-Qorti tifhem illi l-iprem obbligu tal-ġornaliżmu etiku huwa l-qadi tal-interess pubbliku, fejn ġornalisti huma mistennija jaħdmu b'mod ħieles u mingħajr kunflitti ta' interess jew indħil minn forzi esterni u interessi polotiċi jew kummerċjali jew oħrajn li jistgħu jinfluwixxu fuq ġudizzju bilanċjat, jew jissopprimu t-trasmissjoni jew aċċess ħieles għal informazzjoni u dibattitu miftuħ fuq materji ta' interess pubbliku, tant illi kull ħidma kontra dawn in-normi ikun isarraf f'tradiment tal-fiduċja pubblika fil-professjoni.

Fi kliem Collins[7], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or* ***actuated by some improper motive****, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role*"[8], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Gatley, in tema ta' stqarrijiet li jolqtu l-kondotta professjonali tal-persuna aggravata, jgħid hekk:-

"*It is defamatory to impute that a person is unfit for this profession or calling owing to want to ability, mental stability, learning or some other necessary qualification or that he has been guilty of* ***any dishonest or disreputable conduct or any other misconduct*** *or inefficiency therein.*"[9] (emfasi tal-Qorti)

Gatley jgħid ukoll illi f'każ li gazzetta tiġi akkużata: "*with selling its influence to any political party or group and thereby binding itself to deceive the public and its readers by publishing what may be contrary to the honest opinions and convictions of its management or to allege that the newspaper's policy in advocating some public measure is mere hypocrisy or pretence or that it is a mere tool of the proprietor's*

---

[7] ***Collins on Defamation*** (2014 Ed.), 6.10 p. 117.
[8] Emfasi tal-Qorti.
[9] Gatley On Libel and Slander (2013 Ed.), 2,37, page 82.

*interests and cannot act in a fair and balanced way. It is defamatory ... to allege that the paper is manipulated by outside influences ...*".

Għalkemm dawn il-kummenti appena ċitati saru mill-perspettiva tas-sidien tal-impriża tal-pubblikazzjoni, il-Qorti tqis li huma ugwalment applikabbli f'każ li allegazzjonijiet bħal dawn isiru fir-rigward ta' ġornalist personalment.

Fil-kaz **Angel v H.H. Bushell & Co Ltd**[10], l-allegazzjoni kienet li l-persuna aggravata ma kienetx "*... conversant with business ethics*". Ġie ritenut[11] li teżisti "*a very real difference between an allegation of failure to comply with etiquette and a failure to conform with ethical standards, and it is the latter imputation which, in my view, is made by this letter. Ethics involve a moral standard, and, in my judgment, a breach of ethics connotes at a minimum dishonourable behaviour*".[12]

Konsegwentement, l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet fil-pubblikazzjoni tal-konvenut li qed jiġu impunjati f'din il-kawża, hija diffamatorja għall-attur.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm fix-xhieda tiegħu il-konvenut jirreferi diversi drabi għal kitbiet allegatament tal-attur iżda ppubblikati anonimament fuq *website* partikolari, il-konvenut naqas milli jidentifika l-isem ta' dan il-*website* u lanqas ressaq fl-atti kopja ta' dawn il-publikazzjonijiet allegatament tal-attur. F'kull każ, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati f'din il-kawża, ġew ippubblikati fit-2 ta' Frar 2020 u fit-3 ta' Frar 2020 u jirreferu b'mod evidenti għall-kitbiet li l-attur kien jippubblika fil-gazzetta Times of Malta. Dan hu ovvju mis-segwenti: "*...* ***his former employers*** *.... to see how many of his*

[10] [1968] 1 QB 813.
[11] Milmo J.: 825G – 826A.
[12] Intqal ukoll illi "*At any rate, it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not.*"

*articles* ***were linked to ... the journalist did not simply follow a story***"[13]. Madanakollu, il-konvenut, li xehed quddiem il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2020, ta x'jifhem illi dawn l-artikoli anonimi qed jiġu ppubblikati "illum" ċioe' fiż-żmien meta xehed, sentejn wara l-istqarrijiet allegatament malafamanti tiegħu. Konsgwentement ix-xhieda tal-konvenut, safejn jaddebita dawn il-pubblikazzjonijiet anonimi lill-attur, mhux relevanti u ma tiswix għad-difiża tiegħu f'din l-azzjoni.

Għandu jingħad ukoll illi l-eċċezzjoni fit-tieni paragrafu tar-Risposta tal-konvenut li l-pubblikazzjoni hija privileġġjata għaliex tikkonsisti f'rapport imparzjali ta' proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja f'Malta, hija manifestament infondata. Kif diġa' ngħad qabel, l-attur mhux qiegħed jimpunja l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut in konnessjoni mal-każ tal-allegat shoplifting minn Valyou Supermarket, liema każ issemma fl-ewwel parti tal-pubblikazzjoni u kien jifforma parti minn proċeduri ġudizzjarji separati bejn l-istess partijiet[14]. Iżda f'kwalunkwe każ, hu manifest li r-referenza li saret fl-artikolu impunjat f'din il-kawża, għat-testimonjanza ta' Ray Mintoff - direttur ta' Valyou Supermarket - fil-proċeduri l-oħrajn, ma tikkonsistix f'rapport ta' dik ix-xhieda wisq inqas f'rapport imparzjali tal-proċeduri: il-konvenut fl-artikolu impunjat, ma jirriproduċix is-sostanza tax-xhieda ta' Ray Mintoff iżda jagħmel referenza biss għal parti magħżula mix-xhieda tiegħu. Hu wkoll evidenti li l-bqija ta' din l-ewwel parti tal-artikolu impunjat m'hija xejn għajr l-espressjoni tal-fehma tal-konvenut dwar l-implikazzjonijiet li jitnisslu mix-xhieda ta' Ray Mintoff fil-konfront tal-attur u żgur m'hijiex rapport imparzjali dwar l-istess.

Ikkunsidrat;

Fir-Risposta tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi illi l-"*fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz*". Għall-Qorti b'din l-eċċezzjoni l-konvenut qiegħed jinvoka l-verita' tal-fatti, id-difiża taħt l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u

[13] Emfasi tal-Qorti.
[14] Rikors Numru 248/19 fl-ismijiet **Saviour Balzan v. Ivan Camilleri.**

l-Malafama, li teħtieġ prova mingħand il-konvenut li l-imputazzjoni li titwassal bil-pubblikazzjoni impunjata, hi sostanzjalment vera.

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-Artikolu 4(1) tal-Att ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*
*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: Rothschild v Associated Newspapers Ltd [2013] EMLR 18, para 17, per Laws LJ..."*

Kif inhuwa wkoll risaput, l-oneru tal-prova li l-imputazzjoni hija sostanzjalment vera, jinkombi fuq il-konvenut u dan minħabba l-preżunzjoni ġenerali ta' falsita` tal-imputazzjoni diffamatorja[15]. Id-difiża tal-verita` teħtieg li l-imputazzjoni partikolari li tkun saret, f'dan il-kaz li l-attur meta kien impjegat ma' Times of Malta, kiteb l-artikoli tiegħu biex jaġevola interessi kummerċjali ta' terzi persuni, tiġi ppruvata li hi sostanzjalment vera. Ġeneralment, biex tirnexxi d-difiza tal-verita` fir-rigward ta' stqarrija li hija kapaċi li raġjonevolment timputa lill-persuna aggravata xi kondotta ħażina, ikun meħtieġ li jintwera li kien hemm xi forma ta' kondotta da parti tal-persuna aggravata li xprunat is-suspetti jew allegazzjonijiet impunjati. Il-konvenut ma jistax sempliċement jgħid li l-persuna aggravata mxiet, jew hi suspettata li mxiet

[15] Din il-presunzjoni hija affermata wkoll mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewopeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li, fid-decizjoni fil-kaz **EuropaPress Holding DOO v Croatia** (2011), riteniet illi: "*in principle it is not incompatible with art. 10 to place on a respondent in defamation proceedings the onus of proving to a reasonable civil standard of proof, (that is, on the balance of probabilities), that the defamatory statements were substantially true*".

b'kondotta bħal din, u ma jistax lanqas jistrieħ unikament fuq evidenza li tikkonsisti f'ripetizzjoni tal-allegazzjonijiet magħmula minn terzi persuni:-

"*The defendant in such a case needs to comply with the conduct rule but showing that the claimant did something to contribute, objectively judged, to a reasonable suspicion of his or her involvement in the alleged misconduct.*"[16]

Fi kliem iehor, il-konvenut jeħtieġlu juri li l-attur aġixxa b'mod li jista' raġjonevolment u oġġettivament jixpruna suspett dwar l-allegat kondotta ħażina u mhux biżżejjed għall-ġustifikazzjoni tal-istqarrija impunjata, li jintwera li xi persuna tissuspetta fl-attur. Il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi l-fatt illi wieħed sempliċement jikkwota s-sorsi tiegħu bħala prova in sostenn tal-istqarrija impunjata, m'huwiex fih innifsu prova tal-verita` ta' dak li jkunu rrapportawlu s-sorsi tiegħu u jibqa' dejjem meħtieġ li jintwera li l-allegazzjonijiet rapportati huma fondati b'mod oġġettiv fuq fatti.[17]

Qabel tibda tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni tal-verita' fil-qafas tal-fatti tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis li għandha tosserva illi s-silta impunjata, anzicche' twassal imputazzjoni fattwali li l-attur tassew kiteb artikoli biex jaġevola interessi kummerċjali ta' terzi persuni, twassal is-suġġeriment tal-konvenut li l-attur mexa b'dan il-mod.

Fir-rigward, jinsab ritenut illi:-

"*A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.*

...

---

[16] **Chase v News Group Newspapers**.

[17] Fir-rigward, jinsab ritenut illi: "*In such cases it is necessary for the defendant to prove the primary facts and matters giving rise to reasonable suspicion objectively judged. It is impermissible to plead as a primary fact, the proposition that some person or persons (e.g. law enforcement authorities) announced, suspected or believed the claimant to be guilty.*"- **Musa King v Telegraph Group Ltd** (Eady J.) [2003] EWHC 1312 QB.

*Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion,* ***if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated****, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference*"[18] [emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis illi l-istqarrijiet impunjati, ċitati aktar qabel f'din is-sentenza, m'humiex stqarrijiet ta' fatt iżda jikkonsistu f'dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut dwar waħda mill-implikazzjonijiet li fil-fehma tiegħu jitnisslu mix-xhieda mogħtija minn Ray Mintoff f'proċeduri ġudizzjarji separati bejn l-istess partijiet. Fil-fatt, il-konvenut innifsu jistqarr espressament fl-artikolu tiegħu: "*... I am suggesting that this journalist did not just simply follow a story because he had the public interest and good at hear...*". Jissuġġerixxi wkoll espressament illi l-persuni li kienu jimpjegaw lill-attur imisshom iħarsu sew lejn l-istejjer mitkuba minnu biex jistabbilixxu kemm minn dawn l-artikoli kienu l-prodott ta' xi rabtiet li l-attur seta' kellu ma' interessi kummerċjali.

Huwa ritenut illi meta l-istqarrija impunjata mhix stqarrija ta' fatt iżda kumment ossia dikjarazzjoni ta' opinjoni, m'huwiex mistenni illi l-verita` tal-fatt tigi ppruvata, madanakollu jibqa' l-obbligu illi jintwera illi l-kumment huwa xprunat minn fatti li huma sostanzjalment veri.

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has*

[18] Collins, 9.12 p. 192.

*no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II).”*[19]

Billi għalhekk jirriżulta illi d-dikjarazzjonijiet impunjati jikkostitwixxu espressjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt, tqis li jkun iktar f'loku li dawn jiġu mistħarrġa taħt l-ottika tal-opinjoni onesta, kif del resto ġie wkoll eċċepit mill-konvenut fil-ħames paragrafu tar-Risposta tiegħu fejn sostna li l-pubblikazzjoni in diżamina tikkostitwixxi "*fair comment*", anzicche' mill-ottika tal-verita' tal-fatti.

Din il-Qorti diġa' ddikjarat diversi drabi illi hija tqis li eċċezzjoni ta' *fair comment* għandha tiġi trattata bħala waħda ta' opinjoni onesta għaliex id-difiża tal-*fair comment* ma ġietx kodifikata fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama iżda ġiet imsemmija statutorjament fl-Artikolu 4(2) tal-Att bl-isem "opinjoni onesta" u għaliha huma applikabbli kriterji pjuttost differenti, għad iktar wesgħin, minn dawk li kienu applikabbli għad-difiża tal-kumment ġust.

Għas-suċċess tal-opinjoni onesta, il-konvenut jeħtieġlu juri illi l-istqarrija impunjata tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt[20] u kif appena ġie kkunsidrat, l-istqarrijiet in dizamina, impunjati mill-attur odjern, huma manifestament espressjonijiet tal-opinjoni tal-konvenut. Fil-fatt, il-konvenut innifsu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ittratta l-istqarrijiet impunjati bħala 'kumment' u 'opinjoni onesta' u mhux bħala fatt veritier.

Skont l-Att, id-difiza ta' opinjoni onesta tista' titqajjem biss[21] meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira moghtija mis-subartikolu (5) u fejn jigu sodisfatti l-kriterji l-oħrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4(2) tal-Att. Issa fost id-definizzjonijiet ta' persuna pubblika għall-finijiet tad-difiża tal-opinjoni onesta, l-Att jinkludi persuna li abitwalment teżercita professjoni, arti jew sengħa fejn il-fatti attribwiti lilha jirreferu għat-twettiq ta' dik il-professjoni arti jew sengħa u fil-każ in

[19] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 33348/96, deciz 17 ta' Dicembru 2004.
[20] Artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579.
[21] Subartikolu (3) tal-Artikolu 4.

diżamina, il-pubblikazzjoni tal-konvenut tagħmel imputazzjonijiet fir-rigward tal-attur fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu ta' ġornalist.

B'referenza għall-ħtiġiet tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Att, il-Qorti tqis illi l-bażi tal-opinjoni tal-konvenut li l-attur mexa bi ksur tal-etika ġornalistika fil-pubblikazzjoni ta' ċerti artikoli biex jaġevola interessi kummerċjali, hija indikata suffiċjentement fil-pubblikazzjoni, fejn il-konvenut jiddikjara espressament għaliex wasal għal din il-konklużjoni.

Illi in kwantu għar-rekwiżit ta**l-paragrafu (ċ)(i) tal-Artikolu 4(2) tal-Att**, ċioe' li jrid jintwera illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata, ġie ritenut fir-rigward illi **kwalsiasi fatt relevanti jista' jiswa għall-fini ta' din il-prova**, basta jintwera wkoll li persuna onesta setgħet ġenwinament tesprimi dik il-fehma li hija impunjata mill-persuna aggravata, abbażi tal-fatt jew dawk il-fatti invokati mill-konvenut in sostenn tad-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu. Mhux meħtieġ għas-suċċess ta' din id-difiża li jintwera li l-konvenut kien jaf b'dawk il-fatti meta esprima l-opinjoni tiegħu u kif diġa' ngħad, mhux meħtieġ lanqas li tiġi ppruvata l-verita' ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqu qed jiġi allegat li l-opinjoni ġiet ibbażata.

Ikkunsidrat;

**Illi l-Qorti taqbel illi huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor u għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti:** "*the right to make honest but derogatory expressions of opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression*".[22]

[22] **Joseph v. Spiller**, Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti ma taqbilx illi l-konvenut ressaq prova tajba bizzejjed li d-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu hija bbażata fuq għadd ta' fatti li eżistew fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet u li għandhom bażi fattwali sostantiva.

Fir-rigward, qiegħda tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut, konsistenti f'numru kbir ta' artikoli ppubblikati mill-attur fil-ġornal Times of Malta fiż-żmien tal-impieg tiegħu bħala ġornalist ma' Allied Newspapers Limited. Għalkemm hu minnu li bosta minn dawn l-artikoli jittrattaw il-kontroversji marbutin mat-*tender* tal-Fast Ferry bejn Malta u Għawdex, fosthom allegazzjonijiet ta' favoritiżmu u abbuż fl-għoti tal-konċessjoni, kif ukoll artikoli dwar żviluppi fl-isfidi legali u ġudizzjarji imnedija minn konkorrenti oħrajn, fosthom Virtu Ferries, kontra allegati irregolaritajiet fil-proċess li wassal għall-aġġudikazzjoni ta' dan it-*tender* lill-consortium rebbieħ, u hemm ukoll numru ta' artikoli li jittrattaw konċessjoni ta' art pubblika mill-Gvern lill-kumpannija Fortina b'allegazzjoni dwar kunflitt ta' interess ta' uffiċjali b'karigi għoljin fl-Awtorita' tal-Artijiet f'din il-konċessjoni, għall-Qorti hu evidenti li dawn l-artikoli kollha jittrattaw materji ta' interess pubbliku. Dan qed jingħad għaliex minn perspettiva oġġettiva u fl-assjem tagħhom, dawn l-artikoli jirrapportaw u jesponu xejn iktar ħlief kontroversji marbutin ma' istanzi ta' allegat abbużi f'proċessi ta' konċessjonijiet mill-Gvern lill-privat, liema proċessi l-pubbliku jistenna li jkunu trasparenti u ħielsa minn kunflitti ta' interessi u favoritiżmu.

Fis-sentenza **Reynolds v. Times Newspapers Limited**, il-Qorti tal-Appell (EWCA) fissret il-kuncett ta' materja ta' interess pubbliku jirreferi b'mod generali ghas-segwenti:-

«*... matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including ... activities such as the conduct of the government and political life, elections and public administration ... [and] more widely ... the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure,*

*but excluding matters which are personal and private, such there is no public interest in their disclosure*."[23]

**Għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut li l-pubblikazzjoni mill-attur ta' dawn il-kitbiet partikolari, anke fl-assjem tagħhom, jikkostitwixxu fatti li juru l-verita' tal-kummenti tiegħu, jew fatti eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet tifforma l-opinjoni tal-konvenut**. Dawn il-pubblikazzjonijiet m'humiex effikaċji biex isawru xi ħjiel, wisq inqas xi prova, li l-attur seta' kien motivat minn xi interess privat jew finanzjarju biex jiffavorixxi xi negozju partikolari. Il-Qorti fehmet illi dawn l-artikoli, li wara kollox kienu ippubblikati fuq wieħed mill-iktar ġornali prominenti fil-pajjiż li huwa wkoll magħruf għall-kritika mhux dejjem sottili tal-Gvern, minn ġornalist impjegat fuq bażi *full-time* u **naturalment ukoll bl-approvazzjoni tal-editur tiegħu,** jikkonsistu komplessivament f'aġġornament lill-pubbliku tal-iżviluppi li kienu qed iseħħu kontemporanjament f'mill-inqas żewġ każijiet li kien fihom xejra ta' governanza ħażina da parti tal-ammistrazzjoni pubblika, fejn il-proċess jidher li kien sejjer jibbenefika l-istess interessi kummerċjali privati ta' ċerti negozjanti prominenti. In kwantu għar-rapportaġġ tal-attur dwar il-każ kontroversjali tal-proċess tat-*tender* tal-Fast Ferry bejn Malta u Għawdex, fosthom is-sospensjoni tal-aġġudikazzjoni tat-*tender* u l-proċeduri legali li kienu ttieħdu fir-rigward, il-Qorti tosserva illi dan seħħ fil-perijodu meta tassew din l-istorja kienet qiegħda tiżviluppa.

Huwa minnu li l-attur kiteb artikoli li mad-daqqa t'għajn jidher li jiffavorixxu lill-kumpannija Virtu Ferries li wkoll kienet ikkonkorriet billi għamlet offerta għall-għoti tat-*tender*[24], iżda dan il-fatt waħdu u fin-nuqqas ta' provi konkreti jew evidenza konklussiva oħra li tagħti sostenn fattwali lill-allegazzjoni lis-suspetti tal-konvenut, ma jiġġustifikax id-dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut li l-attur ippubblika dawn l-artikoli biex jaġevola l-interessi ta' ċerti negozjanti għaliex kien jirċievi pjaċiri jew ħlas mingħandhom u mhux għaliex kellu l-interess pubbliku għal qalbu.

---

[23] (2001) 2 AC 127 (HL) 205 p. 176-177 per Lord Bingham.

[24] Ara fost oħrajn artikolu "*Virtu was the best option: report*" – paġna 106.

Lanqas ġie ppruvat, għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta illi d-dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut hi waħda li persuna onesta setgħet tesprimi abbażi ta' xi fatti eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-opinjoni jew abbażi ta' xi ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata.

Dan qed jingħad għaliex huwa wkoll evidenti li l-kitbiet tal-attur ma kienux iffokati biss fuq kritika tal-kumpannija Fortina jew il-familja Zammit Tabona għaliex il-konvenut innifsu esebixxa numru ġmielu ta' kitbiet ippubblikati mill-attur fuq Times of Malta li ma għandhomx x'jaqsmu xejn la mal-kumpannija Fortina u lanqas mal-kumpannija Virtu Ferries u li jittrattaw konċessjonjiet oħrajn kontroversjali ta' art pubblika fosthom lill-AUM, allegat favoritiżmu f'diversi ħatriet għal karigi għoljin f'entitajiet pubbliċi tal-Gvern, uħud allegatament intiżi biex jibbenefikaw interessi kummerċjali; rapporti ta' proċeduri kriminali dwar allegat korruzzjoni fost Ministri u uffiċjali oħra tal-Gvern; permessi kontroversjali approvati mill-Awtorita' tal-Ippjanar għal żvilupp privat fuq art pubblika għall-benefiċċju ta' żviluppaturi partikolari jew Ministri tal-Gvern; il-kontroversja dwar fabbrika illegali tal-konkrit f'Ghawdex; allegazzjonijiet dwar użu ħażin ta' fondi pubbliċi minn entitajiet tal-gvern jew pubbliċi; kontroversja dwar inawgurazzjoni mill-Prim'Ministru ta' dak iż-żmien, ta' lukanda ta' negozjant partikolari meta l-lukanda ma kellhiex liċenzja biex topera; konnessjonijiet bejn il-kumpannija notorja 17 Black u kumpannija li tagħha huwa l-benefiċċjarju Ministru tal-Gvern; kritika dwar tmexxija tal-kumpannija Air Malta u l-kunflitti mal-union tal-piloti; kritika tal-Prim Ministru u l-ambizzjonijiet tiegħu biex jassigura kariga fl-Unjoni Ewropea; allegazzjonijiet ta' infiq abbużiv ta' fondi pubbliċi minn Ministru tal-Gvern waqt żjarat barra minn Malta u kritika dwar in-nuqqas ta' trasparenza dwar dan l-infiq; kitbiet marbutin mal-azzjonijiet ta' negozjant involut f'diversi żviluppi kontroversjali; kitbiet varji konċernanti r-rifjut konsistenti ta' Ministeri u entitajiet pubbliċi oħrajn li jippubblikaw il-kuntratti tal-impieg ta' persuni b'karigi għoljin f'entitajiet pubbliċi; għoti ta' direct orders kontroversjali u ksur tar-regoli tal-public procurement f'diversi entitajiet pubbliċi fosthom l-isptarijiet pubbliċi u ċentri tas-saħħa; il-kontroversja attwali dwar allegat korruzzjoni fil-

konċessjoni tal-isptarijiet pubbliċi lil Vitals Global Healthcare, fost kitbiet oħrajn ilkoll dwar episodji varji ta' allegat tmexxija u governanza ħażina fl-ammistrazzjoni pubblika.

F'dawn il-pubblikazzjonijiet l-Qorti mhux talli ma tirravviża xejn li jwassal lill-qarrej jaħseb li inktibu biex jiġu aġevolati l-interessi ta' xi persuna partikolari jew xi interess politiku jew kummerċjali, talli hija sodisfatta li dawn il-ktibiet b'mod ġenerali ilkoll iservu l-interess pubbliku.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut xehed ukoll illi ċerti artikolu tal-attur kienu intiżi biex jiddevjaw l-attenzjoni minn stejjer oħrajn li l-kollegi ġornalisti tiegħu f'Times of Malta kienu qegħdin jippubblikaw fl-istess żmien dwar il-kontroversja tal-kumpannija 17 Black. Eżaminati d-dokumenti esebiti mill-konvenut b'nota[25], bl-intestatura "*Inside information on Chris Cardona to deviate attention from CC. K. S and Y. Fenech – Source*", il-Qorti fehmet li l-argoment tal-konvenut hu li l-artikoli pubblikati mill-attur dwar il-Ministru Chris Cardona kienu intiżi biex ibiegħdu l-attenzjoni minn Yorgen Fenech u Keith Schembri, tant illi l-konvenut jallega li dawn iż-żewġ persuni kienu s-sors tal-informazzjoni fuq il-Ministru Cardona. Huwa jsejjes din l-allegazzjoni fuq xhieda li ngħatat quddiem il-qorti f'proċeduri separati fejn kien ġie żvelat f'messaġġ skambjati bejn Yorgen Fenech u Keith Schembri, li Yorgen Fenech kellu kuntatt mal-midja.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-konvenut mhux biss baqa' ma ressaqx fl-atti proċesswali tal-kawża odjerna, kopja tal-imsemmija traskrizzjoni tax-xhieda, iżda lanqas ipprovda minimament xi ħjiel ta' assoċjazzjoni bejn l-artikoli pubblikati mill-attur, esebiti fl-atti proċesswali (bosta minnhom kważi għal kollox illeġibbli minħabba l-kwalita' fqira tal-kopja stampata) u Yorgen Fenech jew xi

[25] Ippreżentata fil-5 ta' Lulju 2022.

persuna jew negozju ieħor. Wisq inqas wera li l-attur kellu xi interess kwalsiasi, ħlief l-interess pubbliku, fil-pubblikazzjoni ta' dawn il-ktibiet.

Il-Qorti qajla tirravviża xi ħaġa suspettabbli fil-fatt illi l-attur kien jippubblika stejjer mhux neċessarjament marbutin mal-kontroversja ta' 17 Black u l-involviment suspettat ta' Yorgen Fenech fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia: bħallikieku ġornal stabbilit u popolari bħalma huwa Times of Malta u l-ġornalisti tiegħu, huma mistennija jiffokaw biss fuq kontroversja waħda biss ad eskluzjoni ta' stejjer oħrajn ta' interess pubbliku li jikkonċernaw b'mod speċjali allegazzjonijiet ta' governanza ħażina, nuqqas ta' trasparenza, kollużjoni u kunflitti ta' interess da parti tal-pubblika amministrazzjoni f'konċessjonijiet ta' *tenders* jew ta' art pubblika.

Jekk il-konvenut irnexxielu jidentifika u jsawwar konnessjoni bejn l-artikoli tal-konvenut u Yorgen Fenech jew il-kumpannija Virtu Ferries, huwa naqas milli jsawwar f'moħħ il-Qorti l-fehma analoga li din il-konnessjoni għandha bażi fattwali sostanzjali biżżejjed biex jikkonvinċi li l-attur kien qed jippubblika ċerti stejjer u mhux oħrajn għaliex kien qed jiġi mħallas jew mwiegħed xi pjaċiri minn negozjanti jew persuni fil-politika. U jekk l-attur verament naqas milli jikteb dwar proċeduri kriminali fil-konfront ta' wieħed mid-diretturi tal-Virtu', il-Qorti kienet tistenna, minimament, li tirrikontra fl-atti proċesswali xi prova fir-rigward, anke billi jintwera li dawn il-proċeduri kienu ngħataw prominenza minn ġurnali oħrajn iżda mhux minn Times of Malta, jew inkella minn kollegi tal-attur iżda mhux mill-attur innifsu.

Għandu jingħad ukoll illi kuntrarjament għal dak li ġie argomentat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, il-Qorti ma taqbilx illi hija tista' tieħu konjizzjoni ġudizzjarja ta' provi mressqin fi proċeduri ġudizzjarji oħrajn bejn l-istess partijiet, u tqis illi fin-nuqqas ta' qbil espress tal-partijiet, provi miġjuba f'proċeduri separati u mhux konnessi b'ordni bis-saħħa tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12, ma jgħoddux bħala prova f'din il-kawża.

Jiġi osservat ukoll illi lanqas ix-xhud imressaq mill-konvenut innifsu, Herman Grech, li kien wieħed mis-superjuri tal-attur fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-kitbiet invokati mill-konvenut għad-difiża tiegħu, ma afferma s-suspetti tiegħu dwar ksur tal-etika ġornalistika da parti tal-attur u l-allegati rabtiet bejn l-attur u l-persuni msemmija mill-konvenut fix-xhieda tiegħu. Kemm hu hekk, Herman Grech xehed:-

*"... Allaħares huwa l-każ, m'għandi l-ebda provi li dan huwa l-każ ... Inti tipprova tindaga imma kif dejjem nibqa' ngħid mingħajr provi ma nista' nagħmel xejn ... billi xi ħadd jagħmel allegazzjoni ma jfissirx li huwa fatt ... l-allegazzjoni hija serja imma allegazzjoni mingħajr prova, mingħajr xi ħaġa li tista' turini li dan it-tali persuna ħa xi ħaġa*".[26]

Magħdud dan il-fatt illi l-editur l-ieħor ta' Times of Malta fiż-żmien l-impieg tal-attur ma' Allied Newspapers Limited, Ray Bugeja, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li qatt ma kellu ebda suspett u lanqas qatt xi ħadd wassallu informazzjoni jew allegazzjoni li l-attur kien qed jintrattjeni assoċjazzjonijiet suspettużi jew kien jikteb l-artikoli tiegħu biex jaġevola l-interessi ta' xi persuna oħra.

Sinjifikanti wkoll il-fatt illi minkejja li evidentement il-konvenut kien infurmat sew dwar allegat antagoniżmu storiku bejn l-attur u s-superjuri tiegħu f'Times of Malta minħabba s-suspetti tagħhom dwar kollużjoni bejn l-attur u ċerti negozjanti - tant illi huwa xehed f'ċertu dettall dwar kif l-istess superjuri tiegħu kienu kisbu aċċess għall-kompjuter tal-attur f'tentattiv li tinkixef xi korrispondenza suspettuża fir-rigward - il-konvenut inspjegabbilment naqas milli jissostanzja din l-allegazzjoni bix-xhieda ta' dawn il-persuni li fl-aħħar mill-aħħar kienu keċċew lill-attur mill-impieg tiegħu. Fil-fatt, minkejja li Herman Grech tressaq biex jixhed f'din il-kawża bħala xhud tal-konvenut innifsu, ma ġiex mistoqsi jixhed dwar dan l-episodju.

L-istess jgħodd għall-allegazzjoni tal-konvenut illi l-attur kien ikun fil-kumpannija tan-negozjanti msemmija fix-xhieda: prova li ma kienetx impossibbli li titressaq jekk

---

[26] Xhieda tat-2 ta' Diċembru 2021.

skont ma ġie allegat mill-konvenut, l-attur kien ikun preżenti magħhom fil-pubbliku b'mod regolari. Speċifikatament, rinfaċċjat biċ-ċaħda kategorika tal-attur fix-xhieda ġuramentata tiegħu, ta' kull konnessjoni bħal dik allegata mill-konvenut, l-attur baqa' ma ġiex sfidat dwar l-allegazzjoni appena msemmija, u jew dwar il-kwantita' ta' pubblikazzjonijiet konċernanti l-familja Zammit Tabona u l-kumpannija Fortina.

Għalhekk, kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenut ma ressaqx provi li jikkonfortaw b'mod sodisfaċjenti l-allegazzjoni tiegħu li l-attur kien jitħallas jew jixxaħħam biex jikteb ċerti stejjer biex jiffavorxxi interessi kummerċjali partikolari u konsegwentement, billi ma seħħlux jipprova li l-imputazzjoni hija vera u lanqas li hija sostanzjalment vera, id-difiża tal-verita' ukoll ma tistax tirnexxi. Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-attur, li ċaħad kategorikament li għandu jew kellu rabtiet ma' interessi kummerjċali jew li kien tħallas jew irċieva xi benefiċċji jew kien motivat minn interessi ulterjuri fil-kitba ta' ċerti artikoli.

Ikkunsidrat;

Fir-raba' paragrafu tar-Risposta tiegħu, il-konvenut eċċepixxa li l-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u li kien qed jaqdi korrettement id-dmir tiegħu jirrapporta dwar aħbar ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika.

F'din l-eċċezzjoni l-Qorti tirravviża s-sostanza tad-difiza maħsuba fl-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[27].

Għas-sucċċess ta' din id-difiza, il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku u, fit-tieni lok, jekk il-konvenut kienx ragjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni saret fl-interess tal-pubbliku.

---

[27] Dan jipprovdi:- *(1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li – (a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u (b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku[28]. Jinghad ukoll illi l-kriterju li l-materjal ippubblikat huwa ta' "*interess pubbliku*", m'huwiex sodisfatt b'materjal li huwa semplicement « *newsworthy* » jew dwar « *a matter which engages the interest of the public* ».

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-importanza ta' midja libera u indipendenti bhala pedament fondamentali u necessarju ghad-demokrazija, hu fatt rikonoxxut u accettat f'kull soċjeta` li ġenwinament ihaddan il-valuri tad-demokrazija. Dawn id-drittijiet ta' liberta` ta' espressjoni huma għodda indispensabbli għall-ġurnalist sabiex jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu adegwatament, bla xkiel u interferenzi u bil-għan li jgħaddi informazzjoni, analisi jew kritika lill-pubbliku li, min-naħa tiegħu, għandu d-dritt għal tali informazzjoni, analiżi jew kritika.

Dejjem in materja ta' pubblikazzjonijiet dwar materji li huma ta' interess pubbliku, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Bladet Tromso and Stensaas v. Norway**[29] kienet esprimiet ruhha hekk:-

"*Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"... By reason of the "duties and responsibilities"*

---

[28] Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."Supra*, 15.6, p. 645, 646.

[29] 20 ta' Mejju, 1999.

*inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.*"

Fil-fatt, fid-deċiżjoni **Jameel (Mohammed) v Wall Street Journal Europe**[30], ġie ritenut hekk minn Lord Hoffmann:

"*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose. They must be part of the story. And the more serious the allegation, the more important it is that is should make a real contribution to the public interest element in the article.*"[31]

It-tieni rekwiżit li għandu jiġi sodisatt għas-suċċess tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, huwa li konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.

Dan ifisser li jrid jintwera mhux biss li r-rapportaġġ sar in buona fede iżda wkoll li l-pubblikatur innifsu kien jemmen li l-pubblikazzjoni kienet ta' interess pubbliku. Dan ir-rekwiżit irid ikun sodisfatt sija minn perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur u sija wkoll mil-lat oġġettiv. Il-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz jiġu kkunsidrati, fosthom il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċjiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[32], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux

---

[30] SPRL (2006), UKHL 44 A.C. 359.

[31] Fid-decizjoni **Loutchansky v Times Newspapers Ltd** (Nos 2-5) Civ 1805 [2001], per Brooke J, intqal:- "*To talk of a public right to know, without more, is misleading. The Convention explicitly states that the right to freedom of expression carries with it duties and responsibilities, and its jurisprudence shows how the right to freedom of expression is circumscribed by what is strictly necessary and proportionate in a democratic society for the protection of individuals' reputations. In 'Reynold's', Lord Nicholls said that … 'reputation is an integral and important part of the individual … protection of reputation is conducive to the public good'.* ***If the public 'right to know' was to be adopted, as it has not, as the sole criterion for conferring immunity from liability for damaging and untrue statements, then the courts would be turning their back on their duty to prescribe such restrictions on freedom of expression as are needed in order to achieve that public good***." (emfasi ta' din il-Qorti).

[32] (2001) 2 AC 127 (HL) 205.

fil-każ taħt eżami. Fost dawn iċ-ċirkostanzi nsibu s-serjeta' tal-allegazzjoni; in-natura, sors u status tal-informazzjoni, il-miżuri li ttieħdu għall-verifika tal-informazzjoni, l-urġenza tal-pubblikazzjoni; jekk tkunx inkisbet il-verżjoni tal-persuna aggravata u jekk din ġiet pubblikata, it-ton tal-artikolu u ċ-ċirkostanzi tal-pubblikazzjoni[33].

Applikati dawn il-prinċipji kollha għall-każ odjern, il-Qorti ma taqbilx li l-pubblikazzjoni tas-suspetti tal-konvenut dwar il-ksur tal-etika ġornalistika da parti tal-attur tista' titqies bħala konformi mar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li huma l-kitbiet tal-attur, esebiti mill-konvenut, li jiffiguraw bħala pubblikazzjonijiet ta' materji dwar interess pubbliku. Għalkemm mhux eskluż illi jista' jkun hemm partijiet oħrajn mill-pubblikazzjoni tal-konvenut tat-2 ta' Frar 2020 (iżda mhux speċifikatament impunjati mill-attur f'din il-kawża) li huma jew jistgħu jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet dwar materji ta' interess pubbliku, jeħtieġ f'kull każ li jintwera li **l-istqarrijiet speċifiċi taħt skrutinju jifforma parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku ġenerali**.

Barra dan il-fatt li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata ma kienetx urġenti u wkoll il-fatt li l-konvenut ma ressaq ebda prova biex juri x'miżuri ħa biex jivverifika l-korrettezza tal-informazzjoni. Hu wkoll evidenti li t-ton tal-artikolu huwa ferm 'il bogħod minn fattwali u oġġettiv. Barra minn hekk, il-konvenut innifsu fix-xhieda tiegħu ma tantx kien konvinċenti meta ġie biex jiddefendi l-element ta' interess pubbliku tal-istqarrijiet tiegħu nnifsu u l-ħtieġa li dawn jiġu ppubblikati: kemm hu hekk, huwa stqarr, b'referenza għad-dikjarazzjoni tiegħu *'they should investigate the cosy relationships with certain businessmen'*: "*... ma nafx, fid-dinja tal-lum ma nafx jekk hija aċċettata imma ħassejt li kellu ngħidha bħal ma jiena u għamilt referenza għaliha, meta kien hemm nies li ħassejt li kelli dubji fuqhom għax kienu l-ħin kollu jimirħu ma' ċertu nies, biex jitilqu ...*"

---

[33] Gatley 15.8, p. 649.

Dan għall-Qorti jfisser li r-rapportaġġ ma fihx tagħrif akkurat u affidabbli skont kif definit fid-deċiżjoni fuq ċitata, **Loutchansky v Times Newspapers Ltd** (Nos 2-5)[34]:-

"*The ... duty on the journalist (and equally his editor) ... is to behave* as a responsible *journalist. He can have no duty to publish unless he is acting responsibly any more than the public has an interest in reading whatever may be published irresponsibly.*"

Għaldaqstant, miżmum ferm dan kollu, hija l-konkluzjoni tal-Qorti li l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma saritx dwar materja ta' interess legittimu tal-pubbliku jew bhala parti minn materja ta' interess pubbliku u ma tistax tigi gustifikata bid-difiza taht l-Artikolu 5 tal-Kap. 579.

**Il-Qorti tirribadixxi, kif diġa' affermat f'diversi sentenzi preċedenti, illi l-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq medium li huwa aċċessibbli lil firxa wiesa' ta' qarrejja u aċċessibbli wkoll indefinittivament, imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu mingħajr ma jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex jara li dak li jkun qed jiġi ppubblikat huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u mingħajr ma jwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom.**

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni taħt l-Artiklu 11 tal-Kap. 579, il-Qorti ħadet qies ta' diversi fatturi, ewlenin fosthom in-natura serja tal-imputazzjonijiet li ġie stabbilit li huma diffamatorji, ċioe' l-imputazzjoni li l-attur mexa b'nuqqas ta' integrita' u bi ksur tal-etika ġornalistika u l-fatt li dawn saru fil-konfront ta' persuna li tipprattika professjoni in konnessjoni mal-eżerċizzju tal-istess professjoni u mingħajr ma ntwera li dawn jirriflettu l-kondotta fattwali tiegħu. Il-korollarju ta' dan,

[34] Civ 1805 [2001], per Brooke J.

inevitabbilment, huwa żieda fil-potenzjal ta' ħsara lir-reputazzjoni tal-attur, partikolarment ir-reputazzjoni professjonali tiegħu.

Fis-sentenza reċenti **Lachaux v. Independent Press Limited**[35] ġie ritenut illi l-ħsara lir-reputazzjoni sseħħ sewwasew bil-fatt tal-pubblikazzjoni:-

"*It is at that stage that the harm to reputation will have occurred: even if there may also subsequently be (although not necessarily so) consequential damage*."[36]

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attur huwa persuna pubblika u għalhekk kellu jistenna li jkun fil-mira ta' kritika pubblika, *multo magis* minn ġornalist rivali tiegħu, iżda ma tistax twarrab il-fatt illi l-allegazzjonijiet infondati ġew pubblikati darbtejn f'żewġ pubblikazzjonijiet separati, waħda minnhom fuq *online news portal* ta' wieħed mill-gazzetti l-iktar popolari tal-pajjiż u li mhux biss għandu firxa wiesa' ta' qarrejja izda bħala pubblikazzjoni *online* jibqa' aċċessibbli indefinittivament.

Huwa wkoll evidenti illi l-konvenut naqas milli jeżerċita d-diliġenza neċessarja qabel ma ppubblika l-imputazzjonijiet impunjati u minkejja li l-konvenut messu kien jaf li ma kellux provi konkreti biex jissostanzjahom, baqa' ma offra l-ebda apoloġija lill-attur.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tillikwida s-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) in linea ta' danni morali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur, tiddikjara li l-pubblikazzjoni intestata 'The bigger picture' ippubblikata mill-konvenut fuq il-**

[35] 2017, EWCA Civ. 1334.

[36] Skont Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar din id-deċiżjoni, *"the words 'is likely to cause serious harm to reputation' should be taken as connoting a tendency to cause harm. Accordingly, if there is an issue as to serious harm it should be answered by assessing whether the meaning that it is ascertained the words bear, connotes a tendency to cause serious harm to reputation. ... Where the meaning so assessed is evaluated as seriously defamatory, it will ordinarily be proper to draw an inference of serious reputational harm."* - ***Gatley On Libel and Slander***, Second Supplement to the Twelfth Edition, 2017 (2.6, p. 10).

**gazzetta Maltatoday fit-2 ta' Frar 2020 u sussegwentement imtella' fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt fit-3 ta' Frar 2020, hija libelluża u malafamanti fil-konfront ta' IVAN CAMILLERI u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut SAVIOUR BALZAN iħallsu s-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) in linea ta' danni morali. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**